**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Pembroke

# DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 05/2024

**L-Erbgħa 26 ta' Settembru, 2024**

Il-Kunsill Lokali Pembroke Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Alamein, Pembroke, fis-19:10 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Av. Kaylon Zammit – Sindku

Adrian Dominic Ellul – Viċi Sindku

Therise Abela – Kunsillier

Carmel Cesare – Kunsillier

Raymond Lanzon – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kevin Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippresjeda l-laqgħa.

### 5.01 Qari tal-ittri ta' apoloġija.

5.01.1 Is-Sindku Kaylon Zammit informa lill-Kunsill li l-membri kollha kienu preżenti.

### 5.02 Pjan ta' Ħidma tad-Disa Leġislatura 2024-2029.

5.02.1 Is-Sindku l-Av.Kaylon Zammit ressaq il-Pjan ta' Ħidma tad-Disa Leġislatura 2024-2029. **(Ara Dok. 1).** Wara l-preżentazzjoni , il-kelliem ippropona l-approvazzjoni tad-dokument kif ippreżentat.

5.02.2 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

5.02.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

### 5.03 Tmiem tal-laqgħa.

5.03.1 Is-Sindku l-Av.Kaylon Zammit għalaq il-laqgħa fit-19:15pm wara.

**Konfermati, illum 30 ta' Ottubru, 2024**

**IFFIRMAT**

Av.Kaylon Zammit
**Sindku**

**IFFIRMAT**

Kevin Borg
**Segretarju Eżekuttiv**

Dok 1

# Kunsill Lokali ta' Pembroke

## Pjan ta' Ħidma 2024 - 2029

# Kontenut

I. PEMBROKE ..... 3

II. DAĦLA U ANALIŻI TAS-SITWAZZJONI FIL-LOKALITÀ ..... 4

III. DIKJARAZZJONI TAL-MISSJONI U VALURI ..... 5

IV. KONKLUŻJONI ..... 7

# I. Pembroke

Pembroke hija lokalità żgħira u relattivament ġdida f'Malta, li tinsab fil-Lvant tal-gżira. Din il-lokalità hija magħrufa għall-istorja militari tagħha, peress li fl-era kolonjali kienet tintuża mis-servizzi Ngliżi. Ħafna mill-binjiet storiċi f'Pembroke ifakkru f'dan il-passat storiku u huma simbolu tal-wirt militari Ngliż f'Malta.

Fl-aħħar snin, Pembroke żviluppat minn żona militari għal waħda residenzjali, u sar post li joffri ambjent ta' ħajja aktar kwiet u rilassat. Minħabba f'hekk, ħafna familji u individwi għażlu li jgħixu f'din il-lokalità, fejn jistgħu jgawdu mill-ħidma tal-Kunsill Lokali biex iżomm il-karattru naturali u storiku tagħha.

Pembroke huwa magħruf ukoll għall-ispazji miftuħa u n-natura tal-madwar, li jagħmluha destinazzjoni popolari għal dawk li jfittxu ħajja attiva u ambjent ta' mistrieħ. Il-lokalità tinsab viċin il-kosta, u dan jagħti vantaġġ speċjali lil Pembroke bħala żona residenzjali u rikreattiva.

# II. Daħla u Analiżi tas-Sitwazzjoni fil-Lokalità

**L-intenzjoni aħħarija ta' dan il-pjan ta' ħidma hija li l-Kunsill Lokali ta' Pembroke jkollu direzzjoni konkreta biex, primarjament, intejbu l-kwalità tal-ħajja tar-residenti u biex intejbu l-ħidma tal-Kunsill Lokali għall-ġid tal-komunità tagħna.**

L-impenji prinċipali tal-Kunsill Lokali huma:

- **Nipproteġu** l-ambjent naturali u urban fil-lokalità. Naraw li x-xogħlijiet ta' kostruzzjoni jkunu sostenibbli bl-inqas impatt possibbli għar-residenti. Nistinkaw biex il-lokalità tinżamm nadifa b'sistema ta' ġbir tal-iskart li taqdi l-ħtiġijiet tar-residenti u tal-lokalità.
- **Nikkoordinaw** ma' ministeri, dipartimenti, entitajiet governattivi, setturi bħal m'huma ż-żamma tal-ordni, l-immaniġġjar tat-trasport, iż-żamma fi stat tajjeb tal-ġonna u għat-titjib li jkun meħtieg fl-infrastruttura.
- **Nikkoordinaw** mar-Reġjun tal-Lvant u ma' Kunsilli Lokali oħra f'attivitajiet u inizjattivi kulturali, edukattivi, sportivi, fiżiċi, soċjali, u dawk relatati mal-benesseri bl-involviment fejn possibbli ta' għaqdiet mhux governattivi.
- **Intejbu** s-sistema amministrattiva biex inżidu l-effettività fl-għoti tas-servizzi lir-residenti speċjalment fil-qasam ambjentali, l-immaniġġjar tal-iskart, il-kultura, il-proġetti.
- **Niffukaw** il-ħidma tal-Kunsill Lokali biex nimmassimizzaw l-opportunitajiet ta' programmi ffinanzjati minn fondi tal-Unjoni Ewropea, fondi mill-Gvern Lokali, u fondi oħra mir-Reġjun.
- **Naħdmu** favur l-għaqda u r-rispett bejn ir-residenti tal-lokalità.
- **Naħdmu** f'kull sens għal kwalità ta' ħajja aħjar f'Pembroke.

# III. Dikjarazzjoni tal-Missjoni u Valuri

**Fis-snin li ġejjin, il-Kunsill Lokali ta' Pembroke ser jaħdem b'viżjoni ċara biex jilħaq l-għan aħħari tal-funzjonijiet tiegħu – dak li jkun pont vitali bejn ir-residenti u l-Gvern Ċentrali, filwaqt li jsaħħaħ l-rwol tiegħu bħala promotur ewlieni tal-interessi tal-komunità.**

Il-Kunsill se jiffoka b'mod strateġiku fuq kif il-lokalità ta' Pembroke tista' tilħaq il-potenzjal sħiħ tagħha, b'mod speċjali billi jżid u jtejjeb l-ispazji miftuħa u l-ambjenti rikreattivi li joffru lill-familji postijiet siguri u pjaċevoli fejn iqattgħu l-ħin flimkien. Dawn l-ispazji għandhom ikunu ċentri għall-komunità, li jinkoraġġixxu l-benesseri u l-għaqda soċjali fil-qalba tal-lokalità tagħna.

**Il-Pjan tal-Kunsill Lokali ta' Pembroke għall-iżvilupp u l-benefiċċju tal-komunità huwa mfassal b'għan ċar biex intejbu l-kwalità tal-ħajja tar-residenti, filwaqt li nirrispettaw l-istorja u n-natura unika tal-lokalità.**

Il-Kunsill, filwaqt li ser ikompli b'diversi proġetti ta' żvilupp ta' spazji miftuħa u huwa mpenjat ukoll li jikkollabora ma' diversi Ministeri u entitajiet biex ikollna spazji ġodda li jippermettu aċċess għall-annimali domestiċi.

It-tisħiħ taż-żoni ħodor u l-konnettività bejn Pembroke u l-inħawi tal-madwar se jkunu prijoritajiet importanti, flimkien mal-ħarsien tal-wirt mibni tagħna, r-restawr ta' binjiet storiċi u t-titjib fis-sinjali tat-toroq.

**Il-Kunsill Lokali ta' Pembroke jifhem l-importanza li nagħtu s-sostenn meħtieġ lill-anzjani fil-lokalità tagħna. Għaldaqstant, ser naħdmu biex insibu post ġdid u addattat għall-attivitajiet u l-laqgħat soċjali tagħhom.**

Din l-inizjattiva hija parti mill-impenn tagħna li noħolqu spazji soċjali li jippermettu lill-anzjani jiltaqgħu u jissieħbu f'attivitajiet, u jkomplu jibnu relazzjonijiet b'saħħithom fil-komunità. B'dan il-proġett, se noffru ambjent aktar spazjuż u aċċessibbli li jsaħħaħ il-benesseri u l-involviment soċjali tal-anzjani tagħna, li tant huma għal qalbna.

Barra minn hekk, il-Kunsill beda jaħdem biex jikkunsidra u jidentifika spazji ġodda għal klinika tas-saħħa, għal uffiċjuy għal-pulizija tal-komunità, u għall-għaqdiet tal-lokal. Il-Kunsill Lokali għandu pjan ċar biex itejjeb l-uffiċini tiegħu, u biex jagħmel użu aħjar minn sorsi alternattivi ta' enerġija sostenibbli.

Il-Kunsill se jkompli jaħdem biex intejbu l-aċċess għal Pembroke u nkomplu naħdmu fuq proġetti artistiċi li b'mod distintiv isaħħu l-karattru uniku tal-lokalità, inkluż l-użu ta' installazzjonijiet artistiċi f'postijiet ċentrali fil-lokalità.

Dan il-pjan huwa mmirat biex jaqdi l-bżonnijiet tar-residenti kollha, filwaqt li nżommu l-identità unika u l-wirt ta' Pembroke bħala lokalità b'valur storiku u naturali.

## Servizzi offruti lill-Komunità

Il-Kunsill Lokali jifhem li bħalissa l-lokalità għandha nuqqas ta' servizzi li jistgħu jservu lill-komunità, bħal berġa komunitarja jew aċċess għall-ATM. Żgur li dan il-Kunsill se jagħmel l-almu tiegħu sabiex dan in-nuqqas jiġi indirizzat mill-aktar fis possibbli. Permezz ta' komunikazzjoni mal-partijiet relevanti, se naraw li dawn is-servizzi bażiċi jkunu provduti wkoll fil-lokalità ta' Pembroke.

## Ħidma lejn aktar sigurtà

Aktar ma jgħaddi ż-żmien, aktar il-lokalità ta' Pembroke qed tkompli tattira familji u individwi biex iżuruha. Bħala Kunsill Lokali, nifhmu wkoll li l-iżvilupp fil-periferija tal-lokalità qed iġib miegħu ammont ta' nies li jattendu f'stabbilimenti ta' divertiment. Nifhmu wkoll li l-proġett fl-inħawi tal-ex ITS site ser jattira aktar nies minħabba n-natura tan-negozju li qed jiġi żviluppat f'dawk l-inħawi.

Għal din ir-raġuni, il-Kunsill Lokali se jsaħħaħ il-komunikazzjoni mal-Pulizija tal-Komunità sabiex dan is-servizz ikun imtejjeb u tassew jilħaq l-iskop aħħari tiegħu. Barra minn hekk, il-Kunsill Lokali jemmen li għandha tinbeda diskussjoni sabiex jiġi identifikat sit fil-lokalità li jista' jservi bħala uffiċċju għall-Pulizija tal-Komunità, biex b'hekk insaħħu aktar dan is-servizz tant importanti għall-komunità.

# IV. Konklużjoni

Il-Pjan ta' Ħidma 2024-2029 tal-Kunsill Lokali ta' Pembroke jirrifletti viżjoni ċara u strateġika li tpoġġi l-benesseri tal-komunità fil-qalba ta' kull deċiżjoni. Il-proġetti u l-inizjattivi mfassla huma mmirati biex itejbu l-kwalità tal-ħajja tar-residenti, jiżguraw l-iżvilupp sostenibbli tal-lokalità, u jkomplu jsaħħu l-karattru storiku u naturali ta' Pembroke.

L-impenn tal-Kunsill huwa li nindirizzaw il-bżonnijiet ta' kull resident b'mod effettiv u trasparenti, u li noffru servizzi ta' kwalità filwaqt li nżommu l-integrità tal-ambjent naturali u mibni tal-lokalità tagħna. Grazzi għall-kollaborazzjoni mill-qrib ma' entitajiet lokali u nazzjonali, se nkomplu nagħmlu l-aħjar użu mill-fondi disponibbli biex niżguraw il-ħolqien ta' spazji rikreattivi, servizzi komunitarji, u infrastruttura sostenibbli.

Dan il-pjan huwa xhieda tal-impenn tagħna li nagħtu leħen lill-komunità ta' Pembroke, u nibqgħu nħarsu lejn il-futur b'ottimiżmu u determinazzjoni, biex nagħmlu lil Pembroke post li mhux biss jgħixu fih, iżda wkoll li jkun ta' eżempju għal-lokalitajiet kollha ta' Malta.

Pembroke mhux biss għandha passat li jistħoqqilha, iżda wkoll futur mimli potenzjal li l-Kunsill huwa lest li jħaddan b'responsabbiltà u viżjoni għal ġid ta' kulħadd.

Kunsill Lokali ta' Pembroke

Triq Alamein, Pembroke

PBK 1776, Malta